# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 28 ta' April 2025**

**Numru 16**

**Rikors numru 11/2022/1 TA**

**Dr Roderick Caruana**

**v.**

**Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja**
**u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. B'sentenza tat-28 ta' Settembru 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ddikjarat li l-art. 13(1b) u (2), 13A u 13B tal-Att kontra Money Laundering (Kap. 373) u r-regolament 21 tal-L.S. 373.01 (*Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu*) jilledu l-jedd fundamentali tar-rikorrenti protett taħt l-art. 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll li l-mod

kif tmexxiet l-investigazzjoni u l-proċess mill-FIAU jilledu l-jedd fundamentali protett taħt l-art. 39(6) tal-Kostituzzjoni, u l-mod kif jiġu impost l-multi jilledi l-art. 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-art. 7 tal-Konvenzjoni. Bħala rimedju l-Qorti ħassret id-deċiżjoni tal-Korp fil-konfront tar-rikorrenti.

2. L-Avukat tal-Istat u l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja appellaw mis-sentenza

3. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 ir-rikorrent tat l-eċċezzjoni ta' rikuża minħabba li l-Imħallfin li qegħdin jippresjedu l-appell huma l-istess Imħallfin li kienu fil-Qorti li tat is-sentenzi Phoenix Payments Limited vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja u XNT vs il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja tat-18 ta' Novembru, 2024.

4. Il-partijiet ippreżentaw nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni ta' rikuża.

5. Il-Qorti tagħmel referenza għad-deċiżjoni li tat illum fl-appell Credence Corporate and Advisory Services et vs Il-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja et (129/2021/1ISB) li fih ingħatat l-istess eċċezzjoni, u taddotta *mutatis mutandis* il-konsiderazzjonijiet li għamlet għad-deċiżjoni tal-lum. Għal dawk ir-raġunijiet ser tiċħad l-eċċezzjoni.

**<u>Deċiżjoni</u>**.

Għaldaqstant, tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża bl-ispejjeż għar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb